

- (2) *Id-deċiżjoni tat-2 ta' Ġunju 2006, li permezz tagħha l-evalwatur tal-appell adotta r-rapport tal-iżvilupp tal-karriera ta' Asa Sundholm għall-perijodu bejn l-1 ta' Lulju 2001 sal-31 ta' Diċembru 2002, hija annullata.*
- (3) *Il-kumplament tar-rikors ippreżentat fl-ewwel istanza huwa miċħud.*
- (4) *Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej hija kkundannata għall-ispejjeż tal-proċedura quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kif ukoll dawk tal-istanza preżenti.*

(<sup>1</sup>) ĠU C 107, 26.4.2008.

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-14 ta' Ottubru 2009 — Ferrero SpA vs UASI — Tirol Milch (TiMi KiNDERJOGHURT)**

**(Kawża T-140/08) (<sup>1</sup>)**

*("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Trade mark Komunitarja figurattiva TiMi KiNDERJOGHURT — Trade mark verbali preċedenti KINDER — Raġuni relativa għal rifjut — Nuqqas ta' xebħi bejn is-sinjal — Proċedimenti ta' oppożizzjoni preċedenti — Nuqqas ta' res judicata — Artikolu 8(1)(b), Artikolu 8(5), u Artikolu 52(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 [li saru l-Artikolu 8(1)(b), l-Artikolu 8(5), u l-Artikolu 53(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009]"*

(2009/C 282/83)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Ferrero SpA (Alba, l-Italja) (rappreżentanti: C. Gielen u F. Jacobacci, avukati)

Konvenut: L-Ufficijju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: D. Botis, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: Tirol Milch reg.Ġen.mbH Innsbruck (Innsbruck, l-Awstrija)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Awla tal-Bord tal-Appell tal-UASI, tat-30 ta' Jannar 2008 (Każ R 682/2007-2) dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Ferrero SpA u Tirol Milch reg.Ġen.mbH Innsbruck.

**Dispożittiv**

- (1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- (2) *Ferrero SpA hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(<sup>1</sup>) ĠU C 142, 7.6.2008.

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-13 ta' Ottubru 2009 — Deutsche Rockwool Mineralwoll vs UASI — Redrock Construction (REDROCK)**

**(Kawża T-146/08) (<sup>1</sup>)**

*("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva REDROCK — Trade mark nazzjonali preċedenti Rock — Raġuni assoluta għal rifjut — Nuqqas ta' probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009]"*

(2009/C 282/84)

Lingwa tal-kawża: Iċ-Ċek

**Partijiet**

Rikorrenti: Deutsche Rockwool Mineralwoll GmbH & Co. OHG (Gladbeck, il-Ġermanja) (rappreżentant: S. Beckmann, avukat)

Konvenut: L-Ufficijju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: K. Dvořáková u O. Montalto, aġenti)

Parti oħra fil-kawża quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza: Redrock Construction s.r.o. (Praga, Ir-Repubblika Ċeka) (rappreżentant: D. Krofta, avukat)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Awla tal-Bord tal-Appell tal-UASI, tat-18 ta' Frar 2008 (R 506/2007-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Deutsche Rockwool Mineralwoll GmbH & Co. OHG u Redrock Construction s.r.o.

**Dispożittiv**

- (1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- (2) *Deutsche Rockwool Mineralwoll GmbH & Co. OHG għandha tħalli l-ispejjeż tagħha u tliet kwarti mill-ispejjeż inkorsi minn Redrock Construction s.r.o.*
- (3) *L-Ufficijju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) għandu jħalli l-ispejjeż tiegħi u kwart mill-ispejjeż inkorsi minn Redrock Construction s.r.o.*

(<sup>1</sup>) ĠU C 158, 21.6.2008.